**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

**Il-Pulizija**

**vs**

**Daniel-Joe Meli**

<u>Sentenza fuq appell tal-Avukat Generali dwar decizjoni tal-Qorti Rimandanti tat-12 ta' Mejju, 2025.</u>

**Illum 30 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kompetenza taghha bhala Qorti Rimandanti tat-12 ta' Mejju, 2025 li biha cahdet it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-estradizzjoni ta' Daniel-Joe Meli lejn l-Istati Uniti tal-Amerika;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali mressaq quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Mejju, 2025 li bih talab li din il-Qorti "*thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata*

*u minflok (a) tornda li l-appellat Daniel-Joe Meli jerga' jinzamm taht kustodja u (b) tordna t-treggigh lura tal-appellat Daniel-Joe Meli lejn l-istat rikjedenti u cioe' l-Istati Uniti ta' Amerika u dan ai termini tal-Kap 276 u 276.07 [sic.] tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skond it-trattat ta' estradizzjoni ffirmat bejn Malta u l-Istati Uniti datat 18 ta' Mejju 2006*";

Rat l-Ordni tal-Prim Imhallef tal-21 ta' Mejju, 2025 li bih assenja dan l-appell lill-Imhallef sottofirmat wara astensjoni tal-Imhallef precedenti;

Rat id-digriet taghha tal-istess jum li bih ordnat li kopja tal-appell tkun notifikata lill-appellat Daniel-Joe Meli u appuntat l-appell ghas-smigh ghat-23 ta' Mejju, 2025 fl-10.30am;

Rat ir-risposta tal-appellat mressqa quddiem din il-Qorti fit-2 ta' Gunju, 2025 kif awtorizzat minn din il-Qorti fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2025;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

**Fatti:**

1. Illi fit-8 ta' Frar, 2024, l-appellat estradant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja fil-kompetenza taghha ta' Qorti Rimandanti u dan sabiex ikun estradit lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fuq talba tal-Awtoritajiet tal-imsemmi

pajjiz[1]. L-estradant huwa rikjest f'dan il-pajjiz wara li l-Grand Jury in the United States District Court for the Northern District of Georgia awtorizzat ix-xilja tal-estradant sabiex ikun processat kriminalment ghal reati talli opera bhala "*malware vendor, remote access torjan (RAT) mentor, and administrator operating on various computer hacking-related forums*". Huwa ghandu ghalhekk ikun processat fuq seba (7) kapi ta' akkuzi, inkluz dik tal-assocjazzjoni, u ghal dan il-ghan inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tieghu mill-istes qorti distrettwali gewwa l-Istati Uniti tal-Amerika. B'sentenza tal-Qorti Rimandanti, dik appellata, l-estradant inheles wara li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha[2];

**Fatti krolonogici:**

2. Is-segwenti fatti jistghu ikunu ta' siwi ndirett fil-kunsiderazzjonijiet ta' dan l-appell u jisthoqqhom jkunu elenkati ghall-kwadru komplet tal-kaz. Jibda biex ikun senjalat illi Daniel-Joe Meli *qua* l-persuna rikjesta, tressaq quddiem il-Qorti Rimandanti fit-8 ta' Frar, 2024 u f'dik l-istess udjenza huwa ta l-kunsens tieghu sabiex ikun estradit lejn l-Istati Uniti tal-Amerika kif rikjest u konsegwentement l-Qorti ordnat li jinzamm taht kustodja pendenti l-estradizzjoni tieghu. Gara, izda, li l-estradant appella minn dik l-Ordni u b'sentenza tas-27 ta' Frar, 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali, diversament preseduta,

[1] Ara Dok MC2 a fol 8.
[2] Ara sentenza tat-12 ta' Mejju, 2024 Qorti Rimandanti a fol 1294.

cahdet l-appell u baghtet lill-estradant taht kustodja ghall-fini ta' treggieh lieghu lejn l-Istati Uniti tal-Amerika;

3. Illi filwaqt li qed jistenna t-treggieh tieghu lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, l-estradant nieda proceduri ta' natura kosituzzjonali[3]. Gara, izda, illi fit-8 ta' Novembru, 2024, l-estradant ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li bih talab li l-atti jerghu jkunu rinvjati lill-Qorti Istruttorja bhala Qorti Rimandanti u dan peress illi filwaqt illi kien ghadu qed jinzamm taht kustodja, lahaq dahal fis-sehh l-Att XXXV tal-2024[4] liema Att jemenda il-Kapitolu 276 fejn, bis-sahha tal-artikolu 15(5) kif emendat, l-estradant *qua* persuna li kienet qed tistenna t-treggiegh taghha lejn pajjiz u li tkun ddikjarat li trid titregga lura, tista' titlob lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tannulla dik id-dikjarazzjoni[5]. B'digriet tat-12 ta' Novembru 2024, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqghet it-talba u ordnat li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti Rimandanti[6]. Daniel-Joe Meli ghalhekk reggha tressaq mill-gdid quddiem il-Qorti Rimandanti u din id-darba huwa ddikjara li ma kienx qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex ikun estradit. L-Qorti Rimandanti pprolatat is-sentenza taghha fit-12 ta' Mejju, 2025 wara li nstemghu diversi xhieda u tressaq ammont sostanzjali ta' provi. L-appell mressaq mill-Avukat Generali bid-data tas-16 ta' Mejju, 2025 ingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti kif preseduta fil-21 ta' Mejju, 2025 u appuntat ghas-smiegh ghat-23 ta' Mejju b'dan illi

---

[3] Din l-informazzjoni hija mehuda minn kopja ta' verbal tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) mqieghda in atti a fol 124 u ghalhekk mhux mgharuf l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

[4] Data ta' dhul fis-sehh 25 t'Ottubru, 2024

[5] Rikors a fol 125

[6] Digriet fol 128 – [l-enumerazzjoni tal-atti hija zbaljata u din il-Qorti qed tirreferi ghall-atti bl-istess mod kif enumerati].

l-Avukat Generali talab differiment sabiex iressaq provi godda, liema talba kienet michuda. Fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2025, dan l-appell thallas ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

4. Maghmulha din ir-rassenja mill-*iter* processwali li wassal ghal dan l-appell, jokkorri issa li jkunu ezaminati u decizi l-aggravji mressqa mill-Avukat Generali bl-**ewwel lanjanza** mmirata ghad-decizjoni tal-Qorti Rimandanti meta rrimarkat illi d-dokumenti mressqa mis-Supretendent Mario Cuschieri ma kienux konfermati bil-gurament. Il-Qorti Rimandanti ghamlet is-segwenti kunsidrazzjoni[7] fis-sentenza taghha[8]:

> *Illi minn ezami tal-iter processwali, jidher car li l-prosekuzzjoni kienet pjuttost laxka bil-mod kif ressqet il-provi taghha. Filfatt, jirrizulta li fit-8 ta' Frar 2024, il-prosekuzzjoni ressqet lill-Daniel-Joe Meli taht arrest quddiem il-Qorti u hemmhekk ezebiet, minghajr gurament, sett ta' dokumenti. Stante li dawn il-proceduri regghu nbdew mill-gdid fid-19 ta' Novembru 2024, din il-Qorti ddiferiet is-smiegh tal-kawza ghall-25 ta' Novembru 2024 biex il-prosekuzzjoni tibda tressaq il-provi taghha izda waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2024, il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellha xejn aktar xi zzid mal-provi minnha diga' prezentati salv kwalunkwe talba li tista' ssir da parti tad-difiza.*

[7] Pagna 8 tas-sentenza, fol 1301 tal-atti
[8] Fol 1294 sa 1307 tal-atti

5. **Il-lanjanza tal-Avukat Generali** dwar din l-osservazzjoni u dak li jsegwi in rigward fis-sentenza appellata hi li meta fit-8 ta' Frar, 2024 s-Supretendent Cuschieri ressaq lill-appellat quddiem il-Qorti Rimandanti, huwa kien kkonferma l-prezentata tal-appellat taht gurament u "*in segwitu, l-prosekuzzjoni pprezentat sett ta' dokumenti li gew immarkati bhala <u>Dok MC1 sa MC7.</u> Sussegwentement l-appellat ta l-kunsens volontarju u inkondizzjonat tieghu sabiex jigi estradit lejn l-Istati Uniti tal-Amerika .....*". L-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Frar, 2024 li fiha l-estradant appellat kien tressaq ghall-ewwel darba u ghalhekk huwa tal-konvinciment li l-gurament moghti lis-Supretendent f'dik l-udjenza ghandu jiswa' ghall-konferma tad-dokumenti mressqa fl-udjenzi sussegwenti **<u>wara</u>** li l-proceduri kontra l-estradant bdew mill-gdid fuq ordni ta' din il-Qorti diversament preseduta;

6. **L-appellat** jilqa' ghal dan il-gravam billi jressaq il-kontro-argument illi dak allegat mill-Avukat Generali huwa fattwalment skorrett peress illi fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2024, is-Supretendent Cuschieri prezenta biss bil-gurament tieghu lill-Daniel-Joe Meli. Jidher illi l-appellat qed jallega illi wara li s-Supretendent Cuschieri qara x-xilja ossia l-prezentata taht arrest bil-gurament, huwa, flimkien mal-Ispettur Robinson Mifsud (li ma inghatax gurament) ressqu xi dokumenti u l-Qorti vverbalizzat deskrizzjoni ta' dawn id-dokumenti u mmarkathom Dok MC1 sa MC7. Dawn ser ikunu deskritti aktar 'l quddiem a skans ta' ripetizzjoni. L-ghan ta' dan l-argument allura jidher li hu intiz sabiex jaghmel distinzjoni bejn dak li qal is-Supretendent Cuschieri meta qara il-

prezentata bil-gurament u dak li sehh wara li nizel mit-tribuna tax-xhud fejn allura ressaq id-dokumenti imsemmija u li ghalhekk dawn tressqu minghajr konferma bil-gurament. Inoltre, l-istess appellat hu tal-fehma li la darba l-procedura bdiet mill-gdid, dak kollu li sehh qabel ma jiswiex;

7. Illi ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti tezamina ls-sekwenza processwali u dak deciz mill-ewwel Qorti in rigward. Ghal dan il-ghan qed tkun riprodotta dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar il-kwistjoni tad-dokumenti u dan minghajr, f'dan l-istadju, ebda riflessjoni dwar l-ilqugh o meno tal-aggravju in desamina. In segwitu tal-kunsiderazzjoni riprodotta fil-paragrafu 4 *supra*, l-Ewwel Qorti ssoktat:[9]

> *Illi filfatt, b'nota datata 16 ta' Jannar 2025,[10] fuq talba magħmula mid-difiża nhar is-06 ta' Jannar 2025, il-prosekuzzjoni ppreżentat korrispondenza li rċeviet mill-Awtoritajiet Amerikani fejn fiha ddikjarat li l-awtentiċità tad-dokumenti ppreżentati mill-persuna rikjesta bħala DM1 sa DM 6 jidhru awtentiċi filwaqt li għadha qed tistenna aktar informazzjoni mill-Awtoritajiet Amerikani fir-rigward ta' l-awtentiċità ta' Dok DM 7 sa DM 36.[11] Illi l-informazzjoni addizzjonali fir-rigward ta' dawn id-dokumenti baqgħat qatt ma ġiet ippreżentata f'dawn il-proċeduri mill-prosekuzzjoni.*

[9] Il-*footnotes* hawn indikati minn 10 sa 24 huma indikati 12 sa 27 fis-sentenza appelata.

[10] A fol. 603 tal-atti proċesswali.

[11] Ara n-nota ppreżentata nhar is-27 ta' Diċembru 2024 fejn magħha hemm annessi minn dok DM1 – DM6 (a fol. 276 et seq), in-nota ppreżentata wkoll fis-27 ta' Diċembru 2024 fejn magħha hemm annessi minn dok DM7 – DM13 (a fol. 405 et seq) u n-nota preżentata nhar it-30 ta' Diċembru fejn hemm annessa *USB stick* kontenenti minn dok DM14 - DM36 (a fol. 534);

*Illi d-difiża ressqet il-provi tagħha fuq medda ta' sitt seduti u fil-11 ta' Frar 2025, il-prosekuzzjoni ssottomettiet l-osservazzjonijiet finali tagħha, filwaqt li l-Persuna Rikjesta issottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha nhar l-24 ta' Frar 2025.*

*Illi kien biss fis-6 ta' Marzu 2025, ossija wara li l-persuna rikjesta ssottomettiet in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li l-prosekuzzjoni għamlet rikors sabiex il-Qorti terġa' tiftaħ il-provi mill-ġdid tagħha u b'Digriet mogħti nhar it-12 ta' Marzu 2025 li l-Qorti laqgħet tali talba. Filfatt, il-prosekuzzjoni ressqet żewġ xhieda waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2025 li ppreżentaw xi provi addizzjonali. Wħud minn dawn il-provi addizzjonali, madanakollu, ma ġewx imressqa skont ir-rit proċesswali u għalhekk b'digriet datat l-24 ta' Marzu 2025, il-Qorti ordnat l-isfilz tagħhom.*

*Illi għalhekk, il-provi tal-prosekuzzjoni li jinsabu fl-atti in sostenn għat-talba ta' estradizzjoni huma:*

i. *Diplomatic Note No. 20/2024 datata 22 ta' Jannar 2024;*[12]

ii. *Diplomatic Note No. 68/2025 datata 7 ta' Marzu 2025;*[13]

iii. *Ċertifikat maħruġ minn United States Department of Justice nhar id-9 ta' Jannar 2024 li jattesta li Janice Traver hija impjegata fi ħdan l-Office of International Affairs, Criminal Division, U.S.;*[14]

iv. *Ċertifikat ta' Janice Traver li tattesta li l-affidavit anness maċ-ċertifikat huwa tal-Assistant United States Attorney Michael Herskowitz, kif ikkonfermat bil-ġurament quddiem l-Onor Christopher*

[12] A fol. 1234 u fol 10 tal-atti proċesswali.
[13] A fol. 1233 tal-atti proċesswali.
[14] A fol. 13 tal-atti proċesswali.

*C. Bly, United States District Judge for the United States District Court of Northern District of Georgia nhar l-4 ta' Jannar 2024;*[15]

*v.* *L-Affidavit ta' Michael Herskowitz flimkien mad-dokumenti annessi miegħu;*[16]

*vi.* *Mandat ta' Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati nhar is-6 ta' Frar 2024.*[17]

*Illi minn eżami ta' dawn id-dokumenti jirriżulta mal-ewwel illi bl-eċċezzjoni tad-Diplomatic Note No. 20/2024 (Nru (i) hawn fuq), id-Diplomatic Note No 68/2025 (Nru (ii) hawn fuq) u l-Mandat ta' Arrest (Nru (vi) hawn fuq), id-dokumenti rimanenti ppreżentati mill-prosekuzzjoni (jiġifieri minn nru (iii) sa nru (v) hawn fuq) huma kollha fotokopji u ma ġewx ippreżentati bil-ġurament.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi d-deskrizzjoni tal-fatti kif allegati mill-Awtoritajiet tal-Istati Uniti fil-konfront tal-Persuna Rikjesta huma riportati f'dokument imsejjaħ "Affidavit in Support of Request for Extradition"*[18] *redatt minn Michael Herskowitz u li miegħu hemm annessi: (i) l-att ta' akkuża miġjub quddiem il-Qrati Amerikanti u datat it-12 ta' Diċembru 2023,*[19] *(ii) il-Mandat ta' Arrest maħruġ mill-Awtoritajiet Amerikani u datat it-13 ta' Diċembru 2025,*[20] *(iii) il-ligijiet Amerikani relevanti*[21] *u (iv) affidavit tal-aġent speċjali Jared Sikorsi.*[22] *Illi f'dawn id-dokumenti, l-awtoritajiet Amerikani jagħtu l-verżjoni tagħhom tal-fatti wara dan il-każ u tar-*

[15] A fol. 14 tal-atti proċesswali.
[16] A fol. 15 tal-atti proċesswali.
[17] A fol. 57 tal-atti proċesswali.
[18] A fol. 15 tal-atti proċesswali.
[19] A fol. 30 tal-atti proċesswali.
[20] A fol. 47 tal-atti proċesswali.
[21] A fol. 48 tal-atti proċesswali.
[22] A fol. 51 tal-atti proċesswali.

*raġunijiet għalfejn saret it-talba tagħhom. Huma jiddikjaraw liema huma dawk ir-reati li tagħhom jista' jinstab ħati il-Persuna Rikjesta u l-allegat involviment tiegħu fir-reati msemmija.*

*Illi kif diġà msemmi aktar 'l fuq f'din is-sentenza, il-livell ta' prova li l-prosekuzzjoni trid tirrispetta huwa dak dettatt mir-rit proċesswali nostran. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***The Police vs Svetozar Abramovic***[23] *fejn ġie ritenut illi:-*

*"This Court has already has [sic!] occasion to state that proceedings before it are somewhat similar to those before a Court of Inquiry and is bound by the same rules of procedure. The standard of evidence before the Court of Inquiry should besufficient to show a "prima facie" case against the accused in which case he is sent for trial before the Competent Court. The Court of Criminal Inquiry would not enter into the merits of the case as such, as this would be preempting the jurisdiction of the Court of Criminal Jurisdiction which alone has the powers to pronounce on the guilt or innocence of the person charged before* ***it.***

*The Court of Committal, therefore, bound by the same laws will also adopt, the same intention and if it is satisfied that there is a "prima facie" case to answer, then it should order committal to custody."*

*Illi kif diġà aċċennat hawn aktar 'l fuq, din il-Qorti għandha l-istess funzjoni u poteri, sa fejn possibbli, tal-Qorti Istruttorja u għalhekk il-grad tal-prova mressaq quddiemha huwa wieħed li għandu jwassal lill-Qorti Istruttorja għal digriet erogat abbażi ta' provi fuq livell ta' prima facie. Aktar minn hekk, il-prinċipji regolatorji li jirregolaw il-*

[23] **The Police vs Svetozar Abramovic**, Qorti tal-Appell Kriminali, 30 ta' Lulju 1993, (Appell Nru. 73/93)

*preżentazzjoni u l-ammissibilità tal-provi huma tal-istess livell rikjest quddiem il-Qorti Istruttorja, ossija li l-prosekuzzjoni trid tirrispetta il-"best evidence rule" u anke ż-żomm ininterrotta l-katina tal-provi.*

*Illi f'dan il-każ, il-provi dokumentarji li qed tistrieħ fuqhom il-prosekuzzjoni, senjatament l-"Affidavit in Support of Request for Extradition" u d-dokumenti annessi miegħu, ġew ippreżentati f'dawn il-proċeduri mill-prosekuzzjoni <u>mingħajr</u> ġurament. Illi stranament, minkejja li l-prosekuzzjoni ressqet rappreżentat tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li ppreżentat bil-ġurament tagħha ż-żewġ "Diplomatic Notes" msemmija hawn fuq, ma ntalbitx tippreżenta d-dokumenti li jakkumpanjawhom u ndikati fid-Diplomatic Note No. 20/2024 datata 22 ta' Jannar 2024. Illi l-Qorti tista' biss tassumi li dawn id-dokumenti huwa l-"Affidavit in Support of Request for Extradition" u d-dokumenti annessi miegħu, però dan m'huwiex ikkonfermat minn ebda xhud tal-prosekuzzjoni.*

*Illi kif diġà msemmi hawn aktar 'l fuq, l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Estradizzjoni jistipula modi diversi ta' kif dokument jista' jitqies li huwa "awtentikat kif imiss". Illi f'dawn il-proċeduri l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda persuna biex tawtentika d-dokumenti "bil-ġurament ta xhud" u dawn id-dokumenti lanqas ma għandhom "is-siġill uffiċjali ta' Ministru fil-pajjiż jew tal-pajjiż li għamel it-talba".*

*Għalhekk dawn id-dokumenti ma jistgħux jintlaqgħu minn din il-Qorti bħala prova taħt l-Artikoli 22(1) jew (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fis-sottomissjonijiet orali, il-prosekuzzjoni tgħid li dawn l-affidavits huma ffirmati minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-pajjiż li għamel*

*it-talba, u juru xiehda mogħtija taħt ġurament fl-Istati Uniti u għalhekk huma dokumenti "awtentikati kif imiss" skont l-Artikolu 22(2Ċ)(a) tal-Att Dwar l-Estradizzjoni. Illi l-aħħar faċċata kemm tal-affidavit ta' Michael Herskowitz*[24] *kif ukoll ta' Jared Sikorsi*[25] *jindikaw li dawn huma ffirmati minn Christopher C. Bly, però l-firma tiegħu fuq dawk id-dokumenti qed isservi biss sabiex tikkonferma li l-kontenut rispettiv tagħhom ġie kkonfermat bil-ġurament mill-awturi quddiemu u mhux firma li qed tawtentika tali dokument kif irid l-Artikolu 22(2Ċ)(a) tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Illi di più, dawn l-aħħar żewġ faċċati huma sempliċiment fotokopja ta' dak li jidher li huma l-affidavits oriġinali. Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax tqis li tali firma tal- maġistrat jew Imħallef hemm indikat qed isservi biex tawtentika kif imiss tali dokument.*

*Illi min-naħa l-oħra, anke jekk stess il-Qorti kellha momentarjament taċċetta illi tali firma tista' tlaħħaq żewġ għanijiet, il-katina tal-provi inkisret bil-fatt li tali affidavits ma ġewx ippreżentati bil-ġurament ta min irċeviehom mill-Awtoritajiet Amerikani u beda jipproċesshom skont il-proċedura dettata mill-Att dwar l-Estradizzjoni. Tali preżentazzjoni bil-ġurament issib l-importanza tagħha fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 22(2D) tal-Att dwar l-Estradizzjoni u dan għaliex din il-Qorti teħtieġ isserraħ rasha li l-kopja ppreżentata fl-atti ġiet trażmessa lill-prosekuzzjoni b'metodu assigurat li kapaċi jipproduċi records bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tal-kopja ippreżentata fl-atti.*

[24] A fol. 27 tal-atti proċesswali.
[25] A fol. 55 tal-atti proċesswali.

*Illi għalhekk, il-Qorti qed issib li l-affidavits msemmija ma jistgħux jitqiesu li huma "awtentikati kif imiss" a tenur tal-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Estradizzjoni u li l-katina tal-provi baqgħet miksura da parti mill-prosekuzzjoni.*

*Illi għalhekk il-Qorti qed issib li l-"Affidavit in Support of Request for Extradition" u d-dokumenti annessi miegħu huma dokumenti inamissbbli. Illi minn eżami tal-atti tal-proċeduri il-Qorti ssib li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova oħra li tista' twassalha għall-konvinċiment li, fuq bażi prima facie, għandha tordna li l-Persuna Rikjesta tinżamm taħt kustodja sakemm titreġġa lura' lejn l-Istati Uniti.*

8. Jidher ghalhekk illi l-Qorti Rimandanti ma qieset bl-ebda mod id-dokumenti MC1 sa MC7 ghaliex mhux konfermati bil-gurament. Issa, kif gia senjalat fil-paragrafu 4, dan il-process kien inbeda mill-gdid u ghalhekk tajjeb li jkunu riprodotti ukoll il-partijiet rilevanti tal-verbal tal-ewwel udjenza tat-8 ta' Frar, 2024 fejn eventwalment kienet annulata d-dikjarazzjoni volontarja ghat-treggiegh, u dik tad-19 ta' Novembru, 2024 meta l-proceduri kienu nizjati mill-gdid:

**<u>Udjenza 8 ta' Frar, 2024:</u>**

*Il-Qorti semghet lill-Ispettur Dr. Mario Cuschieri jikkonferma bil-gurament li qieghed iressaq taht arrest lil Daniel-Joe Meli ta' 27 sena, imwieled … / ….. li jirrisjedi…..*

*L-Ispettur Mario Cuschieri u l-Ispettur Robinson Mifsud qeghdin jezebixxu s-segwenti dokumenti:*

*DOK MC1 – Awtorita' ghall-Procediment tal-Ministru tal-Gustizzja u l-Iskeda 'X' annessa mal-Awtorita' ghall-Procediment*

*DOK MC2 – Talba ghall-estradizzjoni u dokmenti annessi*

*DOK MC3 – Mandat t'Arrest u Tfittxija datat 6 ta' Frar 2024 mahrug mill-Magistrat Dr. Kevan Azzopardi.*

*DOK MC4 – Kopja tal-Passaport*

*DOK MC5 – Passaport Originali*

*DOK MC6 – Karta tal-Identita' Originali*

*Dok MC7 – Kopja tal-Karta tal-Identita'*[26]

**<u>Udjenza 19 ta' Novembru, 2024:</u>**

*Il-Prosekuzzjoni qed tikkonferma bil-gurament li qed tressaq taht arrest lil Daniel Joe Meli bid-dettalji kif indikati fid-dokumenti tal-prezentata u filwaqt li qed terga tipprezenta formalment id-dokumenti diga esebiti precedentement bhala Dok MC1 sa MC4 u Dok MC7 qieghda prezentement terga tipprezenta il-passaport originali li qed jigi mmarkat bhala Dok MC5 u l-Karta tal-Identita' originali li qed tigi mmarkata bhala Dok MC6.*[27]

9. Illi minn qari ta' dawn iz-zewg verbali jipprexxindi illi d-Dokumenti MC1 sa MC7 certament huma debitament konfermati. Dan ghaliex jekk kellu jitqies li dawn ma kienux prezentati bil-gurament tas-Supretendent Cuschieri fl-udjenza

[26] Udjenza tat-8.2.2024, fol 2 (Vol I) tal-atti

[27] Udjenza tad-19.11.2024 fol 141 (Vol 2) tal-atti.

tat-8 ta' Frar, 2024, f'dik tad-19 ta' Novembru 2024 huwa minghjar ebda ekwivoku li dawn kienu prezentati bil-gurament. Dak li sehh fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2024 ma kellux jiswa' ghall-procedura li tat lok ghal dan l-appell ghajr fejn il-partijiet qablu li ssir referenza a skans ta' ripetizzjoni. Fil-fatt il-prosekuzzjoni ghamlet referenza ghad-dokumenti mressqa fl-udjenza tat-8 ta' Frar u ddikjarat li qed terga tressaqhom formalment u bil-gurament fl-udjenza tad-19 ta' Novembru. Ifisser dan illi jekk kien hemm xi nuqqas ta' formalita' fl-udjenza tat-8 ta' Frar, dik kienet superata u ghandu jregi dak li sehh mid-19 ta' Novembru 2025 'l quddiem;

10. Illi minn din l-ottika, l-Qorti ma tistax taqbel mal-Qorti Rimandanti li dawn id-dokumenti kienu mressqa minghajr gurament. Din id-dikjarazzjoni regghet saret mill-Qorti Rimandanti fit-tieni paragrafu a fol 11 tas-sentenza. Minn ezami akkurat tas-sentenza huwa manifest li l-Qorti Rimandanti skartat ghall-kollox id-dokumenti MC1 sa MC7 meta fl-ewwel paragrfu tal-fol 9 elenkat id-dokumenti mressqa mill-prosekuzzjoni liema dokumenti ma jakkludix dawk mmarkati MC1 sa MC7;

11. Issa, fl-**ewwel gravam** mressaq mill-Avukat Generali fl-isfond tad-dikjarazzjoni tieghu li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazjoni zbaljata tal-ligi u tal-provi, inghad illi la darba s-Supretendent Cuschieri inghata l-gurament darba, "*dan jibqa' jghodd tul il-process kollu*". Bid-dovut rigward din il-proposta hija wahda zbaljata u l-Qorti ma tistax tabbraccjaha. Il-gurament

jinghata in osservanza tal-impenju ta' dak il-hin u ma jiswiex sa tmiem il-proceduri. Meta tinqala' l-htiega li, f'dan il-kaz, is-Supretendent jerga' jikkonferma xi eghmil jew iressaq xi dokument u jikkonfermah bil-gurament ghandu jkun somministrat il-gurament mill-gdid ghall-dak il-ghan. Minkejja dan, u kif gia osservat, kienet ukoll zbaljata l-Ewwel Qorti meta kkunsidrat illi d-dokumenti esebiti ma kienux debitament konfermati bil-gurament.

12. Illi ghalhekk ma kienitx korretta l-Qorti Rimandanti meta ma kkonsidratx id-dokumenti kollha mressqa mill-prosekuzzjoni. Huwa evidenti li l-istess Qorti kienet urtata bil-mod kif il-prosekuzzjoni mexxiet il-kaz, hsieb li hu kondiviz minn din il-Qorti, bl-eghluq tal-provi fl-ewwel udjenza, produzzjoni ta' provi tal-prosekuzzjoni fuq talba tad-difiza u talba milqugha biex il-prosekuzzjoni tressaq aktar provi wara li d-difiza ghamlet is-sottomissjonijiet finali taghha. Dan id-disdenn ma ghandux japplika biss ghall-awtorita'centrali *per se* ghaliex hija tiddependi mill-informazzjoni moghtija lilha mill-awtorita' estera fejn in rigward din il-Qorti ma tistax tifhem, kif gia osservat matul dan l-appell, kif il-prosekuzzjoni issa riedet tressaq provi godda b'dan illi ma setghetx tghid tghid x'inhuma stante li ghadhom qed ikunu kompilati mill-awtoritajiet fl-Istati Uniti u dan fi process li nbeda minn Frar, 2024 wara decizjoni ta' gurija fl-Istati Uniti sabiex tinhareg att ta' akkuza. Minkejja dan l-istat spjacevoli li sabet ruhha fih il-Qorti Rimandanti, ghar-ragunijiet appena esposti, l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-ewwel aggravju u dan ghandu jkun akkolt;

13. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti illi dik Rimandanti ghamlet esposizzjoni korretta u cara dwar kif ghandhom jitqiesu awtentikati dokumenti f'din il-procedura specjali. Dan ir-rekwizit muhiex semplici formalita' izda huwa mehtieg b'mod rigoruz ghaliex kif tajjeb ukoll osservat l-Ewwel Qorti, d-decizjoni taghha trid tkun msejsa fuq bazi *prima facie* minghajr bl-ebda mod ma tidhol fil-mertu li hu rizervat ghall-qorti estera, naturalment ghajr ghal-kunsiderazzjonijiet dwar eccezjonijiet bhal *ne bis in idem* u ohrajn jekk sollevati. Ghalhekk il-gudizzju li jehtieg li jsir hu jekk il-prosekuzzjoni skontatx l-oneru mqieghed fuqha li tressaq, mhux il-prova tal-kommissjoni tal-allegat delitt jew delitti, izda tal-ezistenza ta' dokumenti awtentici li juru li l-persuna rikjesta hija formalment rikjesta mill-pajjiz rikjedenti skond dokumenti awtentici dwar id-delitti adebitati lilha;

**Ikkunsidrat ukoll**:

14. Illi raggunat dan l-istadju bl-akkoljiment tal-ewwel aggravju, din il-Qorti tinsab f'sitwazzjoni fejn ma tarax kif tista' tissokta b'dan l-appell meta l-Qorti Rimandanti esperiet id-decizzjoni taghha minghjar ma kkunsidrat id-dokumenti kollha mressqa quddiemha u dan b'mod fatali ghall-awtorita' centrali. Fl-istess waqt, decizjoni dwar l-aggravji l-ohra, jekk akkolti, ser taghti lok ghal sentenza li l-estradant ma jkollux dritt ta' revizzjoni minnha, ossia decizjoni li tista' tkun msejsa fuq dokumenti li l-estradant ma kellux l-okkazzjoni jitratta dwarhom;

15. Illi ghalhekk l-uniku triq miftuha ghal din il-Qorti ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja hi li tilqa' t-talba tal-Avukat Generali ghan-nullita' tas-sentenza appellata;

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi tilqa' l-ewwel aggravju u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-ohra, qed tannulla s-sentenza appellata.

17. Tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti Rimandanti sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz mill-gdid. Tqieghed lill-estradant fl-istess qaghda li kien qabel il-prolazzjoni ta' din is-sentenza, jigifieri fi stat mehlus mill-arrest bil-kundizzjonijiet mposti fuqu;

Giovanni Grixti
Imhallef

Christianne Borg
Deputat Registratur